Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Numru 315/2005

Il- Pulizija
(Spettur Kevin J. Farrugia,
Spettur Victor Aquilina)

Vs

Johan Scerri

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Johan Scerri ta’ 25 sena mwieled Pieta’ nhar is- 26 ta’ Novembru, 1979, bin Philip u Maria nee’ Falzon, u residenti Flat 2, L- Arkati, Triq il- Wied, Birkirkara, detentur ta’ karta tal- identita numru 536279(M)

Akkuzat talli f’ Birkirkara u f’ inhawi ohra f’ dawn il- gzejjer matul dawn l- ahhar xhur ta’ qabel l- 10 ta’ April,

2005 b’ diversi atti maghmlulin b’ rizoluzzjoni wahda f’ hinijiet differenti;

1. Ikkommetta serq ta’ accessorji tal- vettura / apparat tal- Hi – Fi (Pioneer CD player) minn go vettura bin- numru tar- registrazzjoni AAE 397 ghad- dannu ta’ Harold Abela, kif ukoll serq minn gewwa vetturi ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- hin, bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa, u dan ai termini tal- artikoli 261, 267 u 271 (g) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2. Xjentement laqgha ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l- oggetti, ai termini tal- artikolu 334 (a) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3. Ikkommetta hsara volontarja fuq vettura tal- ghamla Peugot bin- numru tar- registrazzjoni AAE 397, ghad- dannu ta’ Harold Abela liema hsara tammonta ghall- anqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) kif ukoll hasara fuq vetturi ohra u dan ai termini tal- artikolu 325 (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

4. Zamm u garr strument li jaqta’ u bil- ponta minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti fissrittlu xi tfisser tali ammissjoni fil- prezenza tal- avukat tieghu.

Issibu hati.

Rat l- art. 261, 267, 270 u 271 (g) tal- kap 9 u l- art 325 (b) ta’ l- istess Kap kif ukoll l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi li tapplika l- ahhar imsemmi artikolu stante l-fedina penali nadifa ta’ l- akkuzat u stante li ir- res furtiva instabet u dan wara li semghet it- trattazzjoni dwar il-piena.

Ghalhekk fil- waqt li ssibu hati tar- reati taht l- artikoli tal-Kap 9 fuq imsemmija u mhux hati tar- reat taht l- art. 334 (a) tal- Kap 9, tilliberah taht il- provedimenti ta’ l- art. 22 tal- Kap 446, b’ dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn (2) m’ illum u tordna lid- Direttur tal- Probation Services li jappunta probation officer biex jiehru hsieb u jhejji rapport fi zmien tlett (3) xhur m’ llum lil- Qorti jew fi zmien li jidhirlu xieraq; il- Qorti qed tfisser lill- akkuzat l-import ta’ din is- sentenza skond il- Ligi u qed tordna il-konfiska tad- dokument esebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------